MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1068/1994/1

**It-Tabib Principali tal-Gvern**

**Vs**

**John Grech bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Audio Works Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Peress illi l-attur kien inkariga lill-konvenut biex isewwi l-bleeps proprjeta’ tal-Gvern;

Peress illi l-konvenut zamm ghandu tmien (8) bleeps u sal-lum ghadu ma rritornahomx nonostante li kien interpellat b'ittra ufficjali;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine biex jirritorna dawn l-istess bleeps, u in mankanza jhallas il-prezz taghhom stabbilit okkorrendo b'opera ta' periti nominandi minn din l-istess Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez legali inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' April, 1993 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Grech nomine illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi mhux minnu li l-eccipjenti zamm ghandu l-bleeps indikati fic-citazzjoni kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 1997 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti: l-attur kien jikkonsenja lis-socjeta' konvenuta "bleepers" jew "radio pagers", skond kif jiddeskrivihom il-konvenut (fol

43) ghat-tiswija. Huwa jallega li tmienja (8) minnhom baqghu ghand il-konvenut nomine u ma gewx ritornati.

Ix-xhieda prodotti mill-attur, u cjoe Mario Mangion (fol 18) Principal fl-Isptar San Luqa, u Henry Aquilina (fol 35), Store Supervisor fl-istess sptar, iddeponew fuq dawn il-fatti:-

(i) Skond ir-records tal-Isptar il-‘bleepers’ baqghu ghand is-socjeta’ konvenuta. Huma spjegaw kif jinzammu dawn ir-‘recordss’ dwar il-hrug tal-‘bleepers’ appartenenti lill-Isptar u r-ritorn mill-gdid taghhom. Huma jghidu li dawn jinhargu taht il-firma ta’ min jircevihom mill-kumpanija konvenuta u meta dawn jigu ri-konsenjati jigu annotati fir-registru appozitu taht il-firma tal-impjegat tal-Isptar li jkun hekk ircevihom. Normalment jingabru minn nies addetti mill-istore ta’ l-Isptar, izda meta dan ikun maghluq, mit-‘telephone operators’. Huma dawn li jiffirmaw fl-assenza tal-istore supervisor.

(ii) Jinghad illi r-‘record book’ gieli kien ghand it-‘telephone operator’ pero’ dan mhux kull jum jittiehed mill-istore ghand it-‘telephone operator’ wara li jaghlaq l-istore fl-4.30 p.m. Jinghad ukoll illi jekk it-‘telephone operator’ ma jkollux ir-‘record book’ mhux suppost li l-‘bleepers’ jigu accettati minn min ikun ‘on duty’ dak il-hin, u dan “*ghaliex ma jkollhiex fejn tiffirma*” (Mario Mangion, fol 23).

(iii) Jirrizulta li fl-okkazjoni tal-15 ta’ Novembru 1991 u fuq struzzjonijiet tal-Amministratur tal-Isptar ix-xhud Mario Mangion, flimkien mac-Chief Security tal-Isptar u Pulizija accedew fil-workshop tas-socjeta’ konvenuta minn fejn ipprelevaw xi ‘bleepers’. Dak il-hin lill-konvenut ma nformawhx x’hadu izda fil-25 ta’ Novembru 1991 gharrfuh bil-miktub bil-lista tal-‘bleepers’ mehuda u dawk li fil-fehma tal-attur kienu ghadhom neqsin. Kopji ta’ dawn il-listi ma gewx esebiti nonostante li l-imsemmi xhud wieghed li hekk kien ser jaghmel. L-unici dokumenti esebiti (min fol 25 sa fol 31) jikkorrispondu ghall-pagni tar-‘record’ mizmum mill-Istores tal-Isptar.

Minn naha tieghu l-konvenut nomine (fol 43 – fol 53) jghid li hu kien ilu jsewwi dawn il-'bleepers' mill-1972 sakemm waqaf jaghmel dan fl-1992. Jghaddi imbaghad biex jispjega d-differenza bejn il-procedura addottata mill-General Stores tal-Gvern u dik tal-Main Store ta' l-Isptar. Fl-ewwel kaz ma kienet rikjesta l-ebda firma meta kien jiehu l-oggetti ghat-tiswija. Fit-tieni kaz in-nies tieghu kienu jiffirmaw fil-mument li jkunu haduhom izda ma jerghux jiffirmaw meta jikkonsenjawhom lura.

L-istess xhud izid jispjega il-mod meta r-riparazzjoni tkun mehtiega urgenti, l-fatt tal-konsenja tal-'bleepers' lit-'telephone operator', u dwar il-'life span' tal-'bleepers'. Fuq din tal-ahhar jghid li hi ta' hames (5) snin u gjaladarba allura dawk meritu tal-kawza gew akkwistati fl-1984 il-'life span' taghhom skadiet fl-1989. Aktar il-quddiem in kontro-ezami jistqarr li l-perijodu ta' hames snin minnhu attribwit bhala 'life span' "*huwa kriterju tal-accountants u tad-dipartiment tat-taxxa imma mhux necessarjament ifisser li l-oggett jekk ghandu hames (5) snin ma jahdimx wara hames snin*".

Il-konvenut nomine jeskludi l-fatt li dawn il-'bleepers' setghu thalltu ma' ta' klijenti ohra u dan ghal zewg ragunijiet. Kull 'bleeper' ghandu 'serial number' ghalih u dippju l-frekwenza assenjata lill-Isptar kienet differenti minn ta' ohrajn.

Ghandu jinghad ukoll in kwantu ghar-rilevanza ovvju taghha fuq il-meritu illi skond diskors il-konvenut nomine hu kien irceva struzzjonijiet illi fejn 'bleepers' ma jissewwewx dawn setghu jigu "canabalized" biex bil-parts taghhom jissewwew 'bleepers' jew 'pagers' ohrajn (fol 55). Jaggungi wkoll illi "*jekk dawn il-pagers ma kienux inqatghu mill-ktieb ovvja li dawn gew canabalized biex jissewwew pagers ohrajn*".

Dan il-fatt hu zmentit mix-xhud Henry Aquilina fejn a fol 37 jirritjeni illi l-Isptar qatt ma ghadda lis-socjeta' konvenuta xi 'bleeper' li ma tissewwiex jew biex juzawhom ghall-ispare parts. Ghall-kuntrarju, dejjem skond dan ix-xhud, is-

socjeta' konvenuta kellha 'instructions' biex jekk mhux tajba jirritornawha halli, fi kliemu, "*tigi boarded out*".

Jigi osservat illi l-posizzjoni assunta minn dan l-ahhar imsemmi xhud ma ssibx rifugju f'dak sostenut mix-xhieda Grazio Axisa (fol 59) Chief Engineer fl-Isptar, u Grazio Pace (fol 61), Mechanical Engineer fl-istess sptar. It-tnejn jirrakkontaw illi jafu li kien hemm struzzjonijiet mid-Dipartiment tas-Sahha li l-konvenut seta' jaghmel 'cannibalization' minn dawn il-'bleepers'.

Huwa indiskuss illi f'azzjoni ta' din ix-xorta l-attur htieglu jaghmel il-prova tal-pussess attwali tal-'bleepers' f'idejn il-konvenut nomine.

Issa ma hemmx lanqas dubju illi f'xi zmien dawn l-istess 'bleepers', li taghhom qed tintalab ir-rikonsenja, kienu certament ghand il-konvenut nomine. Dan hu dimostrat bil-fatt illi skond l-estratti mir-record book tal-Isptar dawn ittiehdu ghat-tiswija mill-konvenut nomine jew mill-impjegati tieghu.

Naturalment dan mhux ta' bilfors ghandu jfisser illi l-istess 'bleepers' baqghu hekk fil-pussess tas-socjeta' konvenuta. Fuq dan din il-Qorti ghandha certi rizervi konsegwenti ghal mod kif kien qed jinzammu r-'records' tal-Isptar u senjatament illi min kien jirritornahom lura minn naha tas-socjeta' konvenuta lill-Isptar ma kienx jintalab ukoll biex jiffirma li dan kien hekk qed jaghmel. Hemm imbaghad l-fatt li l-istess record book kien jghaddi ghand diversi nies differenti u mhux ghand persuna wahda responsabbli ghalih. U jekk ghandu jitwemmen illi per ezempju t-'telephone operator' kien preventivament istruwit biex ma jaccettax il-'bleeper' ritornat jekk ma jkollux ir-'record book' disponibbli, daqstant iehor fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja ghandu jitwemmen ukoll il-konvenut nomine fejn stqarr illi meta nqala' l-kaz li l-'pagers' rieduhom urgenti kien jiehu l-oggett ghand it-'telephone operator' u wara l-ittestjar tieghu dan jinghata immedjatament lit-tabib koncernat (fol 44). Din l-osservazzjoni tkompli ssahhah il-fehma dwar l-importanza illi jkollok procedura li l-kunsinnatur tal-oggett jiffirma wkoll fuq l-istess 'record

book’ li jkun irritorna l-oggett.  B’hekk kien ikun hemm kontroll dwar l-effettiva konsenja tieghu.

Konsegwentement fl-opinjoni ta’ din il-Qorti s-sistema ma kenitx wahda idejali u fil-fatt taghti lok, kif manifest, ghal dubji.  Oltre dan hemm riflessjoni ohra x’issir.  Ghalhiex fil-mument tal-prelevament tal-‘bleepers’ fil-15 ta’ Novembru 1991 mill-workshop tal-konvenut nomine dan ma giex mitlub jiffirma dokument jew inghata ricevuta minn min gabarhom biex b’hekk ikun in grad jikkontrolla ahjar x’ittiehed.  Huwa minnhu li ntbaghtulu listi ghaxart (10) ijiem wara, u meta allura l-oggetti kienu gja gew prelevati.  F’din id-data cirkostanza l-Qorti ssibha ferm difficli biex taccetta b’ghajnejja maghluqa l-versjoni tal-attur; multo magis, imbaghad, meta l-listi promessi baqghu qatt ma gew esebiti.

Konsiderazzjoni ohra ta’ dritt f’dan il-kaz hi din.  Bir-rispett kollu ghal veduta tal-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu (fol 77) il-materja kellha tigi rigwardata fl-ambitu tal-istitut li jitratta “Fuq id-Depozitu” kif imfisser fl-Artikolu 1891 tal-Kodici Civili.  Li jfisser li l-attur, rebus sic stantibus, ikollu dritt jezercita l-azzjoni reivendikatorja bhala proprjetarju tal-oggett biex jirriakkwistah lura minghand il-possessur.  Dan in forza tal-Artikolu 322 (1) tal-Kodici Civili.

Qua depozitarji l-konvenut nomine kellu l-obbligu li juza d-diligenza li solitu jimpjega fil-kustodja ta’ hwejjgu stess. Diligenza li hi inqas minn dik tal-bonus pater familias. (“**Carmela Sapiano –vs- Antonia Fenech et**”, Appell, 15 ta’ Jannar, 1997).

Issa jekk f’dan il-kuntest tigi accettata l-verzjoni tal-konvenut nomine, sostenuta u korroborata minn xhieda addetti fl-Isptar, dwar il-“cannibalization” ta’ dawn il-‘bleepers’ li ma kienux riparabbli, allura ma huwiex il-kaz li jsiru xi osservazzjonijiet dwar id-diligenza o meno tal-konvenut nomine, bhala depozitarju, fil-kustodja tal-proprjeta’ ta’ l-attur.

Dan il-fatt tal-‘cannibalization’ donnhu li hu accettat mill-attur fl-ewwel parti tan-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet tieghu, anke jekk ‘in coda’ ghal din l-istess Nota dan jopponieh. Il-Qorti lesta li tikkoncedi li l-“accettazzjoni” saret limitatament biex jingibed l-argument li l-konvenut nomine xorta kien obbligat jirritorna l-fdalijiet tal-‘bleeper’ kanibalizzata, in kwantu dawn ukoll jitqiesu proprjeta’ tieghu.

Dan sa certu punt hi proposizzjoni legali korretta in kwantu, ex Art 1904 (1) tal-Kodici Civili, “*id-depozitarju ghandu jrodd dik il-haga stess li jkun irceva, fl-istat li din tinsab fiz-zmien tar-radd*”. Ciononostante wiehed ghandu logikament jifhem, anke minn dak riferit fis-subinciz (2) ghal dan l-artikolu illi dak li kellu in mira l-legislatur kien dak li jrodd il-haga nnifisha salv it-tgharriq taghha. F’dan il-kaz wiehed jifhem li l-oggett gie “distrutt” fis-sens li ma baqax dak idoneu wara s-sottrazzjoni minnhu ta’ komponenti servjenti bhala spare parts ghall-oggetti ohra konsimili. “Distruzzjoni” din li, dati c-cirkostanzi maghrufa tal-awtorizazzjoni moghtija mill-attur, ma tistax tkun imputabbli lill-konvenut nomine b’xi htija arbitrarja tieghu. Din il-prova kienet tinkombi lill-konvenut nomine, u jidher, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, illi tali prova tal-kawza konkreta ta’ l-inadempiment tar-restituzzjoni ghall-motiv fuq dedott saret sew mill-istess konvenut nomine U allura li l-oggett innifsu ma kienx ghadu fi stat idoneu biex f’kull kaz jigi restitwit.

Issa anke kieku kellu jigi argomentat, kif qed jippretendi l-attur, illi l-konvenut nomine ma gabx provi konvincenti biex isostni t-tezi tieghu, l-kwestjoni ghalhekk tigi ridotta ghal wahda ghad-danni talvolta dovuti mill-istess konvenut nomine lill-attur talli l-konvenut nomine ikun naqas mill-obbligu li jrodd l-oggett lura.

F’dan il-kaz l-attur lanqas sa’ hawn ma wasal ghaliex ma ressaq l-ebda provi, lanqas wahda minimali, dwar il-kwantitattiv tad-dannu. Li jfisser li anke f’dan il-kuntest l-azzjoni attrici hi destinata biex tfalli.

Ghal dawn il-motivi:-

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghal konsiderazzjonijiet fuq esposti tichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez jigu sopportati minnhu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------